C/2025/1598

13.3.2025

ID-DEĊIŻJONI Nru S12

tas-16 ta' Ottubru 2024

dwar ir-rimborż tal-kura tas-saħħa b'rabta mat-trasferiment tal-pazjenti lejn Stat Membru ieħor fil-każ ta' ammonti kbar ta' vittmi wara diżastri

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE u għall-Ftehim bejn il-KE u l-Iżvizzera)

(C/2025/1598)

IL-KUMMISSJONI AMMINISTRATTIVA GĦALL-KOORDINAZZJONI TAS-SISTEMI TAS-SIGURTÀ SOĊJALI,

Wara li kkunsidrat l-Artikolu 72(a) tar-Regolament (KE) Nru 883/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-koordinazzjoni tas-sistemi tas-sigurtà soċjali ([1]), li skontu l-Kummissjoni Amministrattiva hija responsabbli li tittratta l-mistoqsijiet amministrattivi kollha jew il-mistoqsijiet kollha ta' interpretazzjoni li jirriżultaw mid-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 883/2004 u r-Regolament (KE) Nru 987/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 li jistabbilixxi l-proċedura għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 883/2004 dwar il-koordinazzjoni tal-iskemi ta' sigurtà soċjali ([2]),

Wara li kkunsidrat l-Artikoli 20 u 27(3) tar-Regolament (KE) Nru 883/2004 dwar l-ivvjaġġar bl-iskop li jingħataw benefiċċji mogħtija *in natura*,

Wara li kkunsidrat l-Artikolu 26 tar-Regolament (KE) Nru 987/2009,

Billi:

(1) Meta seħħ diżastru b'ammont kbir ta' vittmi fi Stat Membru (bħal pereżempju nirien kbar, inċidenti kimiċi/nukleari, jew pandemiji), li rriżulta fi trasferiment ta' pazjenti lejn Stat Membru ieħor, mhux dejjem kien ċar liema Stat Membru kien responsabbli li jħallas il-kostijiet tal-kura tas-saħħa u taħt liema bażi legali.

(2) Id-diffikultajiet prattiċi jistgħu jirriżultaw mill-fatt li aktar minn żewġ Stati Membri jistgħu jkunu involuti fil-każ ta' diżastru b'ammont kbir ta' vittmi, li jitlob approċċ legali uniformi dwar din il-kwistjoni.

(3) Skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (b'mod partikolari, fis-sentenza *Elchinov* tagħha tal-5 ta' Ottubru 2010 ([3])), ir-rekwiżit għal awtorizzazzjoni minn qabel ma jistax jipprevjeni d-dritt għal rimborż fir-rigward tal-kura fl-isptar meta jiġu ssodisfati kundizzjonijiet oħra fl-Istat Membru kompetenti. It-trasferiment ta' persuni assigurati lejn Stat Membru li mhuwiex l-Istat Membru kompetenti, sabiex jirċievu kura tas-saħħa urġenti u vitali wara diżastru b'ammont kbir ta' vittmi, jenħtieġ li għalhekk jiġi interpretat li jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 20 tar-Regolament (KE) Nru 883/2004.

(4) Jekk l-Istat Membru fejn seħħ diżastru b'ammont kbir ta' vittmi ma jkollux il-kapaċità li jipprovdi l-kura tas-saħħa urġenti u vitali lill-persuni midruba/morda, il-ħtieġa li dawn jiġu ttrasferiti lejn Stat Membru ieħor turi li l-kura tas-saħħa kkonċernata ma setgħetx tingħata f'limitu ta' żmien li huwa medikament ġustifikabbli, kif meħtieġ mill-Artikolu 20 tar-Regolament (KE) Nru 883/2004.

(5) Fiċ-ċirkostanzi speċifiċi ta' diżastri b'ammonti kbar ta' vittmi, spiss ikun ikkumplikat ħafna li jkun hemm konformità mat-temporalità prevista fl-Artikolu 20 tar-Regolament (KE) Nru 883/2004 u li tintalab awtorizzazzjoni minn qabel biex wieħed jirċievi kura tas-saħħa fi Stat Membru ieħor.

(6) Id-deċiżjoni li l-pazjenti jiġu ttrasferiti lejn Stat Membru ieħor wara diżastru b'ammont kbir ta' vittmi hija r-riżultat ta' valutazzjoni medika, li ssir minn fornitur tal-kura tas-saħħa fl-Istat Membru fejn seħħ id-diżastru. Peress li jkun ikkumplikat ħafna li tingħata ħarsa ġenerali eżawrjenti ta' dak li jista' jikkostitwixxi diżastru b'ammont kbir ta' vittmi, jenħtieġ li f'dan ir-rigward jiġi ppreferut approċċ ta' każ b'każ.

([1]) ĠU L 166, 30.4.2004, p. 1.
([2]) ĠU L 284, 30.10.2009, p. 1.
([3]) Kawża C-173/09, *Elchinov*, sentenza tal-5 ta' Ottubru 2010.

(7) Fiċ-ċirkostanzi speċifiċi ta' diżastri b'ammonti kbar ta' vittmi, it-trasport lejn l-Istat Membru tal-kura u lura (fejn il-pazjent ġie ttrasferit minħabba li l-kura tas-saħħa urġenti u vitali ma kinitx disponibbli "f'limitu ta' żmien li huwa medikament ġustifikabbli"), huwa inerenti għall-kura nnifisha. L-Istat Membru kompetenti, anke jekk ma jipprovdix għar-rimborż tal-kostijiet tal-ivvjaġġar u tas-soġġorn, jista' jiddeċiedi b'mod eċċezzjonali li jkopri dawn il-kostijiet.

(8) Fil-każ ta' trasport ta' pazjenti lejn Stat Membru ieħor fil-każ ta' diżastru b'ammont kbir ta' vittmi, iċ-Ċentru ta' Koordinazzjoni tar-Reazzjoni f'każ ta' Emerġenza (ERCC) jipprovdi servizz 24/7 li jista' jikkoordina u jikkofinanzja t-trasport mediku meħtieġ. Meta l-Istati Membri jiddeċiedu li jitolbu tali assistenza, l-ERCC jattiva l-Mekkaniżmu tal-Unjoni Ewropea għall-Protezzjoni Ċivili f'konformità mal-proċeduri standard tiegħu ([4]).

(9) Il-linji gwida dwar is-segwitu u/jew il-kontinwazzjoni tal-kura wara li l-pazjenti jiġu ttrasferiti lura f'pajjiżhom, fl-Istat Membru ta' residenza jew fl-Istat Membru kompetenti (eż. skambju ta' rapporti mediċi, rikonoxximent ta' preskrizzjonijiet, eċċ.), jistgħu jiffaċilitaw il-ġestjoni ta' każijiet bħal dawn bejn l-Istati Membri kollha involuti.

Filwaqt li taġixxi f'konformità mal-kundizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 71(2) tar-Regolament (KE) Nru 883/2004,

IDDEĊIDIET KIF ĠEJ:

1. Din id-Deċiżjoni tistabbilixxi r-regoli għar-rimborż tal-kura tas-saħħa fil-każ ta' trasferiment tal-pazjenti lejn Stat Membru ieħor fil-każ ta' ammonti kbar ta' vittmi wara diżastri.

2. Il-benefiċċji *in natura* mogħtija lil persuni midruba/morda assigurati fi Stat Membru u ttrasferiti lejn Stat Membru li mhuwiex l-Istat Membru kompetenti jew l-Istat Membru ta' residenza (fejn hija/huwa jkunu rreġistrati permezz ta' dokument S1 jew SED S072), wara diżastru b'ammont kbir ta' vittmi, jaqgħu taħt l-Artikoli 20 u 27(3) tar-Regolament (KE) Nru 883/2004.

3. Fil-każ ta' diżastru b'ammont kbir ta' vittmi, l-Istat Membru kompetenti għandu joħroġ awtorizzazzjoni S2 *a posteriori* skont l-Artikolu 20 tar-Regolament (KE) Nru 883/2004, sabiex il-kostijiet tal-benefiċċji *in natura* mogħtija fl-Istat Membru tal-kura (fejn il-pazjent jiġi ttrasferit, iżda ma jkunx assigurat jew irreġistrat permezz ta' dokument S1 jew SED S072) ikunu koperti mill-Istat Membru kompetenti.

4. Jekk ikun seħħ diżastru b'ammont kbir ta' vittmi fl-Istat Membru ta' residenza (fejn il-pazjent ikun irreġistrat permezz ta' dokument S1 jew SED S072) u l-pazjent jiġi ttrasferit lejn Stat Membru li ma jkunx l-Istat Membru kompetenti, l-Istat Membru ta' residenza għandu joħroġ awtorizzazzjoni S2 *a posteriori* skont l-Artikolu 26(3) tar-Regolament (KE) Nru 987/2009, sabiex il-kostijiet tal-benefiċċji *in natura* mogħtija fl-Istat Membru tal-kura (fejn il-pazjent jiġi ttrasferit, iżda ma jkunx assigurat jew irreġistrat permezz ta' dokument S1 jew SED S072) ikunu koperti mill-Istat Membru kompetenti, filwaqt li jitqiesu l-Artikoli 20(4) u 27(5) tar-Regolament (KE) Nru 883/2004.

5. Awtorizzazzjoni S2 maħruġa *a posteriori* f'konformità mal-paragrafi 3 jew 4 għandu jkun fiha indikazzjoni ċara li għandha x'taqsam mal-kura tas-saħħa urġenti u vitali għal pazjent ittrasferit lejn Stat Membru ieħor b'rabta ma' diżastru b'ammont kbir ta' vittmi.

6. L-Istati Membri għandhom jiffavorixxu valutazzjoni ta' każ b'każ filwaqt li jiddeċiedu jekk każ jikkostitwixxix diżastru b'ammont kbir ta' vittmi jew le.

Lista mhux eżawrjenti tas-sitwazzjonijiet li jistgħu jitqiesu bħala "diżastru b'ammont kbir ta' vittmi" tinsab fl-Anness ta' dan id-dokument.

([4]) https://civil-protection-humanitarian-aid.ec.europa.eu/what/civil-protection/eu-civil-protection-mechanism_en.

7. Skont l-Artikolu 26(8) tar-Regolament (KE) Nru 987/2009, fejn il-leġiżlazzjoni nazzjonali tal-Istat Membru kompetenti tipprevedi r-rimborż tal-kostijiet tal-ivvjaġġar u tas-soġġorn li huma inseparabbli mill-kura tal-persuna assigurata, il-kostijiet tat-trasport lejn l-Istat Membru tal-kura u lura (inkluż mill-Istat Membru tal-kura lejn l-Istat Membru ta' residenza), fil-każ ta' trasferiment tal-pazjenti wara diżastru b'ammont kbir ta' vittmi, għandhom jitħallsu mill-Istat Membru kompetenti li ħareġ id-dokument S2 (jew li f'ismu d-dokument S2 inħareġ mill-Istat Membru ta' residenza skont l-Artikolu 26(3) tar-Regolament (KE) Nru 987/2009).

   Minħabba ċ-ċirkostanzi eċċezzjonali, l-Istat Membru kompetenti jista' madankollu jiddeċiedi li jirrimborża l-kostijiet tat-trasport, u kostijiet relatati oħra, anke jekk dan ma jkunx previst mil-leġiżlazzjoni nazzjonali tiegħu.

8. Din id-Deċiżjoni hija mingħajr preġudizzju għall-ftehimiet bilaterali bejn l-Istati Membri dwar il-kura tas-saħħa transfruntiera.

9. Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċċjali tal-Unjoni Ewropea. Għandha tkun applikabbli mill-ewwel jum tat-tieni xahar wara l-pubblikazzjoni tagħha.

Il-President tal-Kummissjoni Amministrattiva
Ildikó Pákozdi

ANNESS

Eżempji mhux eżawrjenti ta' diżastri b'ammonti kbar ta' vittmi:

— nar kbir

— aċċidenti kbar tat-trasport (tal-ajru, tat-triq jew tal-baħar)

— inċident kimiku

— inċident nukleari

— pandemija

— terremot

— għargħar

— ibbumbardjar bil-bombi

— valangi